The Youth Football Association
c/o The Centenary Stadium Ta' Qali ATTD 4000, Malta
00356 21237080 | 00356 79229395
www.theyouthfa.org.mt | info@theyouthfa.org.mt

2 ta' Settembru 2020

**Ċirkulari Nru 7/2020-2021**

Segretarju/a

**Bidu tal-kampjonat 2020-2021 u linji gwida COVID-19**

Kif konna ħabbarna f'Ċirkulari nru 6, il-kampjonati tal-Youth FA ser jibdew mal-ftuħ tas-sena skolastika u possibilment b'xi tibdil fil-format tal-kampjonat.

Wara diskussjoni intensa bejn il-Kunsill tal-YFA u bi qbil maċ-Ċentru Tekniku, l-unika differenza li ser ikun hemm fil-format tal-kampjonat tirrigwardja l-fażi tal-preliminari. Meta wieħed jikkunsidra l-perjodu ta' ġimgħat li jieħu l-proċess tal-preliminari u l-ħin li ntilef minħabba li l-kampjonat ser jibda aktar tard, wasalna għad-deċiżjoni li l-fażi tal-preliminari ssir fuq rawnd wieħed minflok fuq tnejn. Għalhekk din il-fażi mqassra ser tiddetermina f'liema Sezzjoni ser jipparteċipaw it-timijiet fil-kampjonat 2020-2021.

Il-logħob ta' Sezzjoni A ser jibqa' fuq tlett rawnds kif kien ikkomunikat waqt it-tlugħ tal-poloz f'Lulju li għadda.

L-ewwel programm ta' logħob hu mistenni għall-ewwel weekend t'Ottubru, jiġifieri 3 u 4 t'Ottubru 2020. Il-programm tal-fixtures jintbgħat fil-jiem li ġejjin.

Dawn l-arranġamenti jibqgħu jgħoddu sakemm iċ-ċirkustanzi jippermettu. F'każ li s-sitwazzjoni tinbidel, inżommukom infurmati b'xi tibdil li jista' jkun meħtieġ.

Protokol / linji gwida speċifiċi għall-kategoriji tal-YFA qed jiġi preparat u jkun komunikat lilkom ladarba jkollna l-aktar informazzjoni aġġornata f'idejna.

F'din iċ-ċirkustanza straordinarja nappellaw għall-koperazzjoni ta' kulħadd u nimxu skont id-direzzjonijiet maħruġa mill-għola awtoritajiet għal ġid ta' kulmin hu nvolut.

Saħħiet

Stephanie Rocco
Segretarja Ġenerali